Il-Kummissjoni Ewropea

# Nikkompletaw l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropea

Rapport minn:
**Jean-Claude Juncker**
f'kooperazzjoni ma'
**Donald Tusk**
**Jeroen Dijsselbloem**
**Mario Draghi**
u **Martin Schulz**



# Werrej


**1.** In-Natura ta' Unjoni Ekonomika u Monetarja Profonda, Ġenwina u Ġusta **3**

**2.** Lejn Unjoni Ekonomika - Konverġenza, Prosperità u Koesjoni Soċjali **6**

**3.** Lejn Unjoni Finanzjarja - Finanzi Integrati għal Ekonomija Integrata **10**

**4.** Lejn Unjoni Fiskali - Qafas Integrat għal Politiki Fiskali Sodi u Integrati **13**

**5.** Ir-Responsabbilizzazzjoni Demokratika, il-Leġittimità u t-Tisħiħ Istituzzjonali **16**

**Anness 1:** Pjan direzzjoanali Għal Unjoni Ekonomika u Monetarja Sħiħa **20**

**Anness 2:** Semestru Ewropew Aktar Integrat **22**

**Anness 3:** Prinċipji Gwida - Bord Fiskali Ewropew Konsultattiv **23**


## Introduzzjoni

Is-Summit dwar l-Euro ta' Ottubru 2014 enfasizza l-fatt li "koordinazzjoni eqreb tal-politiki ekonomiċi hija essenzjali sabiex jiġi żgurat it-tħaddim bla tfixkil tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja" (UEM) Is-summit għamel sejħa biex "jiġu żviluppati mekkaniżmi konkreti għal koordinazzjoni, konverġenza u solidarjetà fil-politika ekonomika aktar b'saħħithom," u "biex jitħejjew il-passi li jmiss għal governanza ekonomika aħjar fiż-Żona tal-Euro".

Dan ir-rapport tħejja mill-President tal-Kummissjoni Ewropea, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-President tas-Summit dwar l-Euro, il-President tal-Grupp tal-Euro, il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew u l-President tal-Parlament Ewropew.

Saru diskussjonijiet intensi mal-Istati Membri u s-soċjata ċivili. Jibni fuq ir-rapport "Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja Ġenwina" (l-hekk imsejjaħ "Rapport tal-Erba' Presidenti"), fuq il-"Pjan ta' Azzjoni għal UEM Profonda u Ġenwina" tal-Kummissjoni tal-2012, li jibqgħu referenzi essenzjali biex titlesta l-UEM, kif ukoll fuq in-Nota Analitika "Inħejju għall-Passi li Jmiss dwar Governanza Ekonomika Aħjar fiż-Żona tal-Euro" tat-12 ta' Frar 2015.

Dan ir-rapport jirrifletti d-deliberazzjonijiet u d-diskussjonijiet personali tal-ħames Presidenti. Jiffoka fuq iż-żona tal-euro, peress li l-pajjiżi li jikkondividu munita waħda jaffrontaw sfidi, interessi u responsabbiltajiet komuni. Madankollu l-proċess lejn UEM aktar profonda huwa miftuħ għall-Istati Membri tal-UE kollha. Għandu jkun trasparenti u jippriżerva l-integrità tas-Suq Uniku fl-aspetti kollha tiegħu. Filfatt it-tlestija u l-isfruttar sħiħ tas-Suq Uniku fis-swieq tal-oġġetti u s-servizzi, diġitali, tal-enerġija u kapitali għandhom ikunu parti minn spinta aktar b'saħħitha lejn unjoni ekonomika, kif ukoll lejn aktar xogħol u tkabbir akbar.

UEM sħiħa mhijiex għan fiha nnfisha. Din tfisser il-ħolqien ta' ħajja aħjar u aktar ġusta għaċ-ċittadini kollha, li l-Unjoni titħejja għall-isfidi globali tal-futur u li kull membru tagħha jkunu jista' jipprospera.

# 1 In-Natura ta’ Unjoni Ekonomika u Monetarja Profonda, Ġenwina u Ġusta




© Kummissjoni Ewropea

L-euro hija munita li ħadmet u stabbli. Tintuża minn 19-il Stat Membru u minn aktar minn 330 miljun ċittadin. Ipprovdiet lill-membri tagħha bi stabbiltà tal-prezzijiet u laqgħatilhom kontra l-instabbiltà barranija. Minkejja l-kriżi riċenti, tibqa' t-tieni l-aktar munita importanti fid-dinja, b'sehem ta' kważi kwart tar-riżervi tal-kambju barrani globali, u bi kważi 60 pajjiż u territorju madwar id-dinja li direttament jew indirettament jorbtu l-munita tagħhom magħha.

L-Ewropa ħierġa mill-agħar kriżi finanzjarja u ekonomika f'sebgħin sena. L-isfidi tal-aħħar snin ġiegħlu lill-gvernijiet nazzjonali u lill-istituzzjonijiet tal-UE jieħdu passi malajr u straordinarji. Kellhom jistabbilizzaw l-ekonomiji tagħhom u jipproteġu kull ma kisbu mill-proċess gradwali u xi kultant diffiċli tal-integrazzjoni Ewropea. B'riżultat, ġiet priżervata l-integrità taż-żona tal-euro fis-sħuħija tagħha u s-suq intern baqa' b'saħħtu.

Madankollu, hekk kif it-tkabbir u l-kunfidenza reġgħu qabdu r-ritmu fil-biċċa l-kbira tal-Ewropa, jidher ċar li s-soluzzjonijiet ta' malajr tal-aħħar snin għandhom bżonn jinbidlu f'bażi dejjiema, ġusta u demokratikament leġittima għall-futur. Huwa ċar ukoll li bi 18-il miljun persuna bla impjieg fiż-żona tal-euro jeħtieġ li jsir ħafna iżjed biex jitjiebu l-politiki ekonomiċi.

L-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa (UEM) illum saret qisha dar li nbniet tul is-snin imma għadha mhix lesta għal kollox. Meta laqatha l-maltemp il-ħitan u s-saqaf tagħha kellhom jiġu stabbilizzati malajr. Issa verament wasal iż-żmien li nsaħħulha l-pedamenti u nibdluha f'dak li l-UEM kellha tkun: post ta' prosperità bbażata fuq tkabbir ekonomiku bilanċjat u l-istabbiltà tal-prezzijiet, ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva, li timmira lejn l-impjieg għal kulħadd u l-progress soċjali. Biex naslu hemm irridu nagħmlu aktar passi biex inlestu l-UEM.

L-euro hija aktar minn sempliċiment munita. Hija proġett politiku u ekonomiku. Il-membri kollha tal-Unjoni Monetarja tagħna ċedew il-muniti nazzjonali ta' qabel tagħhom darba għal dejjem u jaqsmu, fuq bażi permanenti, is-sovranità monetarja tagħhom mal-pajjiżi l-oħra taż-żona tal-euro. Ir-ritorn huwa li dawn il-pajjiżi jgawdu minn munita kredibbli u stabbli f'suq uniku kbir, kompetittiv u potenti. Dan id-destin komuni jeħtieġ solidarjetà fi żminijiet ta' kriżi u r-rispett mill-membri kollha tar-regoli li ftiehmu dwarhom flimkien.

Madankollu din il-biċċa xogħol taħdem biss sakemm il-membri kollha jgawdu minnha. Biex din il-kundizzjoni taħdem, il-pajjiżi ħadu passi, kemm individwalment kif ukoll kollettivament biex jikkumpensaw għall-għodod nazzjonali ta' aġġustament li ċedew meta ssieħbu. L-ewwel nett iridu jkunu kapaċi jipprevjenu aħjar il-kriżijiet permezz ta' governanza ta' kwalità għolja fil-livell Ewropew u nazzjonali, politiki fiskali u ekonomiċi sostennibbli u amministrazzjoni pubblika ġusta u effiċjenti. It-tieni, meta jseħħu xokkijiet ekonomiċi, kif inevitabbilment se jseħħu, kull pajjiż irid ikun jista' jirreaġixxi b'mod effikaċi.

Iridu jkunu kapaċi jassorbu x-xokkijiet internament billi jkollhom ekonomiji reżiljenti biżżejjed u biżżejjed buffers fiskali tul iċ-ċiklu ekonomiku. Dan għaliex, bil-politika monetarja stabbilita uniformament għaż-żona tal-euro kollha, il-politiki fiskali nazzjonali huma vitali biex jistabbilizzaw l-ekonomija kull meta jseħħ xokk lokali. U bil-pajjiżi kollha jikkondividu rata tal-kambju waħda, għandhom bżonn ekonomiji flessibbli li jistgħu jirreaġixxu malajr kull meta jonqos ir-ritmu ekonomiku. Inkella jkunu f'riskju li r-reċessjonijiet iħallu impatti negattivi profondi u permanenti.

Minkejja dan, l-aġġustament relattiv tal-prezzijiet qatt mhu se jseħħ malajr daqs l-aġġustment tar-rata tal-kambju. U rajna kif il-pressjonijiet tas-suq jistgħu jxejnu l-istabbilizzaturi fiskali tal-pajjiż fi żminijiet ta' diffikultà ekonomika. Biex l-ekonomiji kollha jkunu għal dejjem aħjar fiż-żona tal-euro, għandhom bżonn ukoll ikunu kapaċi jikkondividu l-impatt tax-xokkijiet permezz tal-kondiviżjoni tar-riskji fl-UEM. Fuq terminu qasir, il-kondiviżjoni tar-riskji tista' tintlaħaq permezz ta' swieq finanzjarji u kapitali integrati (kondiviżjoni tar-riskji privata) flimkien mal-garanziji ta' kontinġenza komuni meħtieġa, jiġifieri xibka ta' sigurtà finanzjarja tal-aħħar rimedju għall-Unjoni Bankarja. Fuq terminu medju, hekk kif l-istrutturi ekonomiċi jikkonverġu lejn l-aħjar standards fl-Ewropa, il-kondiviżjoni pubblika tar-riskji għandha tissaħħaħ permezz ta' mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni fiskali għaż-żona tal-euro kollha.

Il-prevenzjoni tal-politiki mhux sostennibbli u l-assorbiment individwali u kollettiv tax-xokkijiet ma ħadmux sew la qabel u lanqas matul il-kriżi. Minkejja li minn dak iż-żmien saru diversi titjibiet istituzzjonali, l-effett tan-nuqqasijiet inizjali għadu jinħass. Issa hemm diverġenza sinifikanti fiż-żona tal-euro. F'xi pajjiżi l-livell tal-qgħad huwa l-aktar baxx li qatt kien, filwaqt li f'oħrajn huwa l-aktar għoli li qatt kien; f'xi wħud il-politika fiskali tista' tintuża b'mod kontroċikliku, f'oħrajn l-ispazju fiskali se jieħu snin ta' konsolidazzjoni biex jirkupra.

Id-diverġenza tal-lum qed toħloq fraġilità għall-Unjoni kollha. Jeħtiġilna nikkoreġu din id-diverġenza u nidħlu għal proġett ġdid ta' konverġenza. Is-suċċes tal-Unjoni Monetarja fi kwalunkwe post jiddependi fuq is-suċċess tagħha ma' kullimkien. Barra minn hekk, f'dinja dejjem iżjed globalizzata, l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà u l-interess proprju li jkollhom politiki sodi u jwettqu riformi li jagħmlu l-ekonomiji tagħhom aktar flessibbli u kompetittivi.

Il-progress irid isir fuq erba' fronti: l-ewwel lejn **Unjoni Ekonomika ġenwina** li tiżgura li kull ekonomija jkollha l-karatteristiċi strutturali biex tipprospera fl-Unjoni Monetarja. It-tieni, lejn **Unjoni Finanzjarja** li tiggarantixxi l-integrità tal-munita tagħna fl-Unjoni Monetarja kollha u żżid il-kondiviżjoni tar-riskji mas-settur privat. Dan ifisser li nikkompletaw l-Unjoni Bankarja u naċċelleraw l-Unjoni tas-Swieq Kapitali. It-tielet, lejn **Unjoni Fiskali** li trendi kemm is-sostennibbiltà fiskali kif ukoll l-istabilizzazzjoni fiskali. U finalment, lejn **Unjoni Politika** li tipprovdi l-pedamenti għal dan t'hawn fuq kollu permezz ta' responsabilizzazzjoni demokratika, leġitimità u tisħiħ tal-istituzzjonijiet.

Dawn l-erba' Unjonijiet jiddependu minn xulxin. Għalhekk iridu jiżviluppaw b'mod parallel u l-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro jridu jipparteċipaw fl-Unjonijiet kollha. F'kull każ il-progress se jkollu jsegwi sekwenza ta' passi qosra u itwal iżda huwa vitali li llum naqblu dwar is-sekwenza kollha. Biss, il-miżuri fuq terminu qasir se jżidu l-kunfidenza issa jekk ikunu il-bidu ta' proċess akbar, pont lejn UEM sħiħa u ġenwina. Wara ħafna snin ta' kriżi, il-gvernijiet u l-istituzzjonijiet iridu juru liċ-ċittadini u lis-swieq li ż-żona tal-euro mhux sejra sempliċiment *issalva*. Jeħtiġilhom jaraw li *tistagħna*.

Din il-viżjoni itwal għandha bżonn li l-miżuri fuq terminu qasir ikunu ambizzjużi. Jeħtiġilhom jistabbilizzaw id-dar Ewropea issa u jħejju l-bażi għal arkitettura sħiħa fuq terminu medju. Dan sejjer inevitabbilment jinvolvi aktar kondiviżjoni ta' sovranità tul iż-żmien. Minkejja l-importanza indiskussa tar-regoli ekonomiċi u fiskali u r-rispett tagħhom, it-tieni l-akbar ekonomija tad-dinja ma tistax tkun ġestita permezz ta' kooperazzjoni bbażata fuq ir-regoli biss. Biex iż-żona tal-euro tevolvi gradwalment f'Unjoni Ekonomika u Monetarja ġenwina se jkollha bżonn tinbidel minn sistema ta' regoli u linji gwida għat-tfassil tal-politika ekonomika nazzjonali għal sistema ta' aktar kondiviżjoni tas-sovranità fi ħdan istituzzjonijiet komuni, li l-biċċa l-kbira tagħhom diġà jeżistu u li bil-mod jistgħu jibdew jaqdu dan ir-rwol. Fil-prattika dan ikun jeħtieġ li l-Istati Membri jaċċettaw dejjem aktar it-teħid ta' deċiżjonijiet konġunti fuq elementi tal-baġits nazzjonali u l-politiki ekonomiċi rispettivi tagħhom. Meta jitlesta proċess li jaħdem ta' konverġenza ekonomika u integrazzjoni finanzjarja, dan iwitti t-triq għal xi ftit kondiviżjoni pubblika tar-rikju, li fl-istess ħin trid tkun akkumpanjata minn parteċipazzjoni u responsabilizzazzjoni demokratiċi iktar b'saħħithom kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll Ewropew. Dan l-approċċ ibbażat fuq l-istadji huwa neċessarju peress li xi wħud mill-miżuri l-aktar ambizjużi jeħtieġu tibdiliet fil-qafas ġuridiku attwali tagħna tal-UE - xi ftit aktar profondi mill-oħrajn - kif ukoll progress sinifikanti f'termini ta' konverġenza ekonomika u armonizzazzjoni regolatorja fl-Istati Membri taż-żona tal-euro kollha.

L-għan ta' dan ir-rapport huwa doppju: li jispjega l-ewwel passi li se jniedu dan il-proċess illum u li jipprovdi orjentazzjoni ċara għall-miżuri fit-tul. Il-proċess ikun organizzat f'żewġ stadji konsekuttivi (ara l-Pjan Direzzjonali fl-Anness 1):

**L-Ewwel Stadju (mill-1 ta' Lulju 2015 - sat-30 ta' Ġunju 2017)**: F'dan l-ewwel stadju ("**napprofondixxu permezz tal-azzjoni"**), l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri taż-żona tal-euro jibnu fuq strumenti eżistenti u jagħmlu l-aħjar użu possibbli mit-Trattati eżistenti. Fi ftit kliem, dan jinvolvi li nsaħħu l-kompetittività u l-konverġenza strutturali, inlestu l-Unjoni Finanzjarja, noħolqu u nżommu politiki fiskali responsabbli fil-livell nazzjonali u taż-żona tal-euro, u insaħħu r-responsabbilizzazzjoni demokratika.

**It-Tieni stadju**: F'dan it-tieni stadju (**"inlestu l-UEM"**), jintlaħaq qbil dwar miżuri konkreti ta' natura ħafna aktar estensiva biex titlesta l-arkitettura ekonomika u l-istituzzjoni tal-UEM. Speċifikament, matul dan it-tieni stadju, il-proċess tal-konverġenza jsir aktar vinkolanti permezz ta' sett ta' parametri referenzjarji li jista' jingħatalu natura ġuridika. Waħda mill-kundizzjonijiet għal kull Stat Membru taż-żona tal-euro biex jipparteċipa fil-mekkaniżmu tal-assorbiment tax-xokkijiet għaż-żona tal-euro matul dan it-tieni stadju se tkun li jsir progress sinifikanti lejn dawn l-istandards, u l-aderenza kontinwa magħhom ladarba jintlaħqu.

**L-Istadju Finali (mhux aktar tard mill-2025):** Fl-aħħar tat-Tieni Stadju u ladarba l-passi kollha jkunu fis-seħħ, UEM profonda u ġenwina tipprovdi post stabbli u prosperu għaċ-ċittadini kollha tal-Istati Membri tal-UE li jikkondividu l-istess munita, post li jkun attraenti għall-Istati Membri oħra tal-UE biex jingħaqdu jekk ikun lesti jagħmlu hekk.

Il-Presidenti tal-istituzzjonijiet tal-UE se jsegwu l-implimentazzjoni tal-rakkomandazzjonijiet f'dan ir-rapport. Biex tħejji għat-tranżizzjoni mill-Ewwel Stadju għat-Tieni Stadju, il-Kummissjoni se tippreżenta "White Paper" fil-Rebbiegħa 2017 li tivvaluta l-progress li jkun sar fl-Ewwel Stadju u tispjega l-passi meħtieġa li jkun imiss, inkluż miżuri ta' natura ġuridika biex l-UEM titlesta fit-Tieni Stadju. Il-White Paper se tuża l-input analitiku minn grupp ta' esperti ta' konsulenza li se jesplora aktar il-prekundizzjonijiet legali, ekonomiċi u politiċi tal-proposti l-aktar fit-tul li hemm f'dan ir-rapport. Se titħejja b'konsultazzjoni mal-Presidenti tal-Istituzzjonijiet l-oħra tal-UE.

Dan ir-rapport jippreżenta ideat li wara aktar diskussjoni jistgħu jissarrfu f'liġijiet u istituzzjonijiet. Dan jeħtieġ proċess wiesa', trasparenti u inklussiv - proċess li għandu jibda mingħajr dewmien.



# 2 Lejn Unjoni Ekonomika – Konverġenza, Prosperità u Koesjoni Soċjali

© Kummissjoni Ewropea

Il-kunċett tal-konverġenza jinsab fil-qalba tal-Unjoni Ekonomika tagħna: konverġenza *bejn* l-Istati Membri lejn l-għola livelli ta' prosperità; u konverġenza *fis*-soċjetajiet Ewropej, biex jitrawwem il-mudell Ewropew uniku tagħna.

Fil-UEM, il-politika monetarja hija ċentralizzata, iżda partijiet importanti tal-politika ekonomika għadhom nazzjonali. Madankollu, kif uriet b'mod speċjali l-kriżi, il-membri taż-żona tal-euro jiddependu fuq xuxlin għat-tkabbir tagħhom. Huwa l-interess komuni u proprju ta' kull membru li jkun jista' jilqa' sew ix-xokkijiet ekonomiċi, li jimmodernizzaw l-istrutturi ekonomiċi u s-sistemi tal-protezzjoni soċjali u jiżgura li ċ-ċittadini u n-negozji jistgħu jaddattaw u jibbenefikaw minn domandi, xejriet u sfidi ġodda. Huwa daqstant ieħor fl-interess tal-membri li l-oħrajn kollha jagħmlu l-istess, bl-istess ħeffa. Dan huwa kruċjali f'Unjoni Monetarja bħall-UEM fejn mhumiex previsti trasferimenti fiskali kbar u fejn il-mobilità tal-impjiegi hija relattivament baxxa.

Dan ma jfissirx li l-Istati Membri kollha li jikkondividu l-munita unika huma jew għandhom ikunu l-istess, jew li għandhom isegwu l-istess politiki. Dak li fl-aħħar mill-aħħar jgħodd huwa r-riżultat: li l-Istati Membri taż-żona tal-euro kollha jkollhom politiki sodi ħalli jkunu jistgħu jqumu lura fuq saqajhom malajr minn xokkijiet qosra, ikunu jistgħu jisfruttaw il-vantaġġi komparattivi tagħhom fis-Suq Uniku u jattiraw l-investiment, b'hekk isostnu livelli għoljin ta' tkabbir u impjiegi.

Diġà jista' jsir ħafna permezz ta' approfondiment tas-Suq Uniku, li huwa importanti għat-28 Stat Membru tal-UE iżda partikolarment għall-Istati Membri li jikkondividu l-euro bħala l-munita tagħhom. F'oqsma politiċi sinifikanti, bħall-oġġetti u s-servizzi, kif ukoll f'oqsma b'potenzjal mhux sfrutatt bħas-swieq tal-enerġija, diġitali u kapitali, is-Suq Uniku għadu mhux lest. Dan juri li hemm ostakli politiċi sinifikanti minkejja l-potenzjal ekonomiku enormi marbut ma' Suq Uniku ta' veru. Sabiex isir progress, deċiżjonijiet rilevanti f'kull qasam għandhom jitqiesu bħala parti minn pakkett politiku li jibbenefika lill-Istati Membri kollha u mhux jittieħdu b'mod indipendenti minn xulxin. Iżda dan waħdu mhux biżżejjed. Konverġenza sostennibbli teħtieġ ukoll sett usa' ta' politiki li jaqgħu taħt l-intestatura "riformi strutturali", jiġifieri riformi mmirati lejn l-immodernizzar tal-ekonomiji biex ikun hemm aktar tkabbir u impjiegi. Dan ifisser kemm swieq tax-xogħol u tal-prodotti aktar effiċjenti kif ukoll istituzzjonijiet pubbliċi aktar b'saħħithom.

Biex isseħħ il-konverġenza bejn il-membri taż-żona tal-euro huwa meħtieġ aktar progress. L-ewwel nett, fuq terminu qasir (l-Ewwel Stadju), jeħtiġilna nagħmlu sforz rinnovat biex kulħadd jikkonverġi lejn l-aħjar prestazzjoni u prassi fl-Ewropa, billi nibnu fuq u nsaħħu aktar il-qafas attwali tal-governanza. L-għan aħħari huwa li jinħolqu l-istess strutturi ekonomiċi reżiljenti fiż-żona tal-euro kollha. Dan jista' jwassal għal spinta ġdida fl-impjiegi u t-tkabbir, bil-kompetittività u l-koeżjoni soċjali fil-qalba tagħha.

Fit-Tieni Stadju, dan il-proċess ta' konverġenza jiġi formalizzat u bbażat fuq sett ta' standards b'karattru ġuridiku u miftiehma b'mod komuni. Il-progress sinifikanti lejn dan tal-aħħar jiġi mmonitorjat regolarment u jkun kundizzjoni biex il-membri jibbenefikaw minn strumenti ulterjuri, bħal mekkaniżmu tal-assorbiment tax-xokkijiet li se jitwaqqaf għaż-żona tal-euro kollha.

## 2.1. Spinta ġdida lill-konverġenza, lill-impjiegi u lit-tkabbir

L-impetus imġedded għar-riforma jinsab fil-Patt Euro Plus 2011 dwar Koordinazzjoni Politika Ekonomika Aktar b'Saħħitha għall-Kompetittività u l-Konverġenza, li madankollu fil-biċċa l-kbira falliet milli tagħti r-riżultati mistennija minħabba n-natura intergovernattiva u mhux vinkolanti tagħha[1]. Minflokk aktar patti huwa meħtieġ progress konkrett fuq il-bażi tal-liġi tal-UE biex nimxu lejn Unjoni Ekonomika ta' konverġenza, tkabbir u impjiegi. Għandu jkun imsejjes fuq dawn l-erba' pilastri: il-ħolqien ta' sistema taż-żona tal-euro b'Awtoritajiet tal-Kompetittività; tisħiħ tal-implimentazzjoni ta' Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku; aktar iffukar fuq l-impjiegi u l-prestazzjoni soċjali; u aktar koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi f'Semestru Ewropew imġedded. Dan għandu jiġi implimentat fuq terminu qasir (l-Ewwel Stadju), fuq il-bażi ta' passi prattiċi u f'konformità mal-metodu Komunitarju.

### Sistema taż-żona tal-euro ta' Awtoritajiet tal-Kompetittività

Il-governanza taż-żona tal-euro hija stabbilita sew għall-koordinazzjoni u s-sorveljanza tal-politiki fiskali. Għandha bżonn tittejjeb fil-qasam usa' u dejjem aktar ċentrali tal-"kompetittività". Is-Semestru Ewropew - u l-kreazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku - huma l-ewwl pass biex dan in-nuqqas jiġi kkoreġut, iżda jeħtieġ isir ħafna iżjed biex jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jtejbu l-kompetittività tagħhom bħala parti mill-istess momentum.

Qed jiġi rrakkomandat li kull Stat Membru taż-żona tal-euro joħloq korp nazzjonali bil-kompitu li jimmonitorja l-prestazzjoni u l-politiki fil-qasam tal-kompetittività.

[1] "Il-Patt Euro Plus dwar Koordinazzjoni aktar b'saħħitha tal-Politika Ekonomika għall-Kompetittività u l-Konverġenżza" kien hemm qbil dwaru fl-2011 mill-Kapijiet tal-Istat u l-Gvernijiet taż-żona tal-Euro u l-Bulgarija, id-Danimarka, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u r-Rumanija. Huwa miftuħ għal Stati Membri oħra tal-UE fuq bażi volontarja. Kien maħsub bħala soluzzjoni intergovernattiva sabiex jinkuraġġixxi r-riformi u l-koordinazzjoni. Madankollu, l-implimentazzjoni tiegħu sofriet minn għadd ta' nuqqasijiet, inkluż in-nasty ta' istituzzjoni għall-monitoraġġ, iżda l-loġika sottostanti tiegħu għadha relevanti u għandha terġa' titqajjem. Għaldaqstant, il-partijiet relevanti tiegħu għandhom jiġu integrati fil-qafas tal-liġi tal-UE.

Dan jgħin biex jimpedixxi d-diverġenza ekonomika u jżid is-sjieda tar-riformi meħtieġa fil-livell nazzjonali. Dawn "l-Awtoritajiet tal-Kompetittività" għandhom ikunu entitajiet indipendenti b'mandat biex "jivvalutaw jekk il-pagi humiex qed jevolvu f'konformità mal-produttività u jqabblu l-iżviluppi f'pajjiżi oħra taż-żona tal-euro u fis-sħab kummerċjali paragunabbli prinċipali", kif diġà maqbul mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fil-Patt Euro Plus. Flimkien ma' dan, dawn il-korpi jistgħu jingħataw mandat biex jivvalutaw il-progress li sar fir-riformi ekonomiċi biex isaħħu l-kompetittività b'mod aktar ġenerali. Fl-aħħar mill-aħħar, ekonomija kompetittiva hija waħda li fiha l-istituzzjonijiet u l-politiki jippermettu lid-ditti produttivi li jistagħnaw. Imbagħad l-iżvilupp ta' dawn id-ditti jsostni l-espansjoni tal-impjiegi, l-investiment u l-kummerċ.

Sistema taż-żona tal-euro ta' Awtoritajiet tal-Kompetittività għandha tlaqqa' lil dawn il-korpi nazzjonali u lill-Kummissjoni, li tikkoordina l-azzjonijiet tal-Awtoritajiet tal-Kompetittività nazzjonali fuq bażi annwali. Il-Kummissjoni għandha mbagħad tqis l-eżitu ta' din il-koordinazzjoni meta tiddeċiedi dwar passi skont is-Semestru Ewropew, partikolarment għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tagħha u għad-deċiżjonijiet li jittieħdu skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (PŻM), inkluż jekk tirrakkomandax l-attivazzjoni tal-Proċedura tal-Iżbilanċ Eċċessiv.

## Awtoritajiet tal-Kompetittività

L-għan tal-Awtoritajiet tal-Kompetittività ma għandux jkun li jarmonizzaw il-prassi u l-istituzzjonijiet li għandhom il-kompitu li jiffurmulaw il-pagi fil-pajjiżi differenti. Dawn il-proċessi jvarjaw ħafna fl-UE u ġustament jirriflettu l-preferenzi nazzjonali u t-tradizzjonijiet ġuridiċi.

Abbażi ta' mudell komuni, kull Stat Membru għandu jiddeċiedi l-għamla preċiża tal-Awtorità tal-Kompetittività nazzjonali, iżda dawn għandhom ikunu demokratikament responsabilizzati u operazzjonalment indipendenti. Atturi nazzjonali, bħas-sħab soċjali, għandhom ikomplu jaqdu r-rwol tagħhom skont il-prassi stabbiliti f'kull Stat Membru, iżda għandhom jużaw l-opinjonijiet tal-Awtoritajiet bħala gwida matul in-negozjati tal-istipular tal-pagi. Xi Stati Membri bħall-Olanda u l-Belġju diġà għandhom dawn l-Awtoritajiet.

## Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku aktar b'saħħitha

Il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (PŻM) inħolqot fl-eqqel tal-kriżi. Hija parti mis-Semestru Ewropew, iċ-ċiklu annwali tar-rappurtar u s-sorveljanza tal-UE u tal-politiki ekonomiċi nazzjonali. Isservi bħala għodda li timpedixxi u tikkoreġi l-iżbilanċi qabel ma jaħarbu mill-kontroll. Saret mezz vitali għas-sorveljanza Ewropea, pereżempju biex tipprevjeni bżieżaq immobiljari, jew biex tidentifika telf fil-kompetittività, żieda fid-dejn privat u pubbliku u nuqqas ta' investiment. Jeħtieġ li l-potenzjal tagħha jintuża kollu. Dan jeħtieġ azzjoni fuq żewġ fronti b'mod partikolari:

- Ma għandhiex tintuża biss biex tidentifika l-iżbilanċi iżda wkoll biex tħeġġeġ ir-riformi strutturali permezz tas-Semestru Ewropew. Il-fergħa korrettiva tagħha għandha tintuża b'mod deċiżiv. Għandha tiskatta hekk malli jiġu identifikati żbilanċi eċċessivi u tintuża biex tiġi mmonitorata l-implimentazzjoni.
- Il-proċedura għandha wkoll taqbad aħjar l-iżbilanċi fiż-żona tal-euro kollha, mhux biss fil-pajjiżi individwali. Biex tagħmel dan għandha bżonn tiffoka fuq li tikkoreġi d-defiċits esterni dannużi minħabba r-riskju li joħolqu għall-funzjonament tajjeb taż-żona tal-euro (pereżempju fil-forma ta' "waqfien għall-għarrieda" tal-flussi kapitali). Fl-istess waqt, il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku għandha trawwem riformi adegwati fil-pajjiżi li jakkumulaw surpluses kbar u sostnuti fil-kont kurrenti jekk dawn ikunu ġejjin minn, pereżempju, domanda domestika insuffiċjenti u/jew potenzjal ta' tkabbir baxx, għax dan ukoll huwa rilevanti biex ikun żgurat ribilanċ effettiv fl-Unjoni Monetarja.

## Fokus akbar fuq l-impjiegi u l-prestazzjoni soċjali

L-impjiegi u s-sitwazzjonijiet soċjali jvarjaw ħafna fiż-żona tal-euro, parzjalment b'riżultat tal-kriżi iżda wkoll minħabba x-xejriet sottostanti u l-prestazzjoni ħażina minn qabel il-kriżi. L-ambizzjoni tal-Ewropa għandha tkun tikseb "A soċjali tripla".

Din hija wkoll neċċessità ekonomika. Biex l-UEM tirnexxi, is-swieq tax-xogħol u s-sistemi tal-protezzjoni soċjali jeħtiġilhom jaħdmu tajjeb u b'mod ġust fl-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro. Għalhekk l-impjiegi u t-tħassib soċjali jridu jingħataw prominenza fis-Semestru Ewropew. Il-qgħad, speċjalment il-qgħad fit-tul huwa waħda mir-raġunijiet ewlenin tal-inugwaljanza u l-esklussjoni soċjali. Għalhekk huma essenzjali swieq tax-xogħol effiċjenti li jippromwovu livell għoli ta' impjiegi u li jkunu kapaċi jassorbu xokkijiet mingħajr ma joħolqu qgħad eċċessiv: dawn jikkontribwixxu għall-funzjonament bla skossi tal-UEM kif ukoll għal soċjetajiet aktar inklussivi.

Ma hemm l-ebda mudell 'wieħed tajjeb għal kulħadd' x'jiġi segwit, iżda l-isfidi huma ta' spiss simili fl-Istati Membri kollha: li aktar nies ta' kull età jidħlu fid-dinja tax-xogħol; li jinstab bilanċ tajjeb bejn il-flessibbiltà u kuntratti tax-xogħol sikuri; li tiġi evitata d-diviżjoni bejn "dawk ta' ġewwa" bi protezzjoni u pagi tajbin u "dawk ta' barra"; li t-taxxi ma jiffukawx fuq ix-xogħol; li jingħata appoġġ imfassal apposta biex dawk qiegħda jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol, li titjieb l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja, biex insemmu biss ftit affarijiet. Lil hinn mis-swieq tax-xogħol huwa importanti li jiġi żgurat li kull ċittadin ikollu aċċess għal edukazzjoni adegwata u li jkun hemm sistema ta' protezzjoni soċjali effettiva biex

tħares li dawk l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà, inkluż "bażi ta' protezzjoni soċjali". Il-popolazzjonijiet tagħna qed jixjieħu b'rata mgħaġġla u aħna għad għandna bżonn riforma kbira biex niżguraw li s-sistema tal-pensjonijiet u tas-saħħa jkunu jistgħu jlaħħqu. Dan se jinkludi l-allinjament tal-età tal-irtirar mal-istennija tal-għomor.

Biex ikun żgurat is-suċċess tal-UEM fit-tul, għandna nagħmlu pass ulterjuri u nagħmlu sfroz biex nintegraw aħjar is-swieq tax-xogħol nazzjonali, billi niffaċilitaw il-mobbiltà ġeografika u professjonali, inkluż permezz tar-rikonoxximent aħjar tal-kwalifiki, aċċess eħfef għall-impjiegi fis-settur pubbliku għal minn mhux ċittadin u koordinazzjoni aħjar tas-sistemi tas-sigurtà soċjali.

### Koordinazzjoni aktar b'saħħitha fil-politiki ekonomiċi

Is-Semestru Ewropew saħħaħ b'mod sinifikanti l-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi. Iżda ż-żieda ta' għadd kbir ta' "pakketti", "patti", "proċeduri" u diversi rekwiżiti ta' rappurtar fixklu r-raġuni u l-effikaċja tiegħu. Is-Semestru Ewropew irid ikun dwar li nistipulaw il-prijoritajiet tagħna flimkien u dwar li nieħdu azzjoni fuqhom, b'perspettiva Ewropea, b'sens qawwi tal-interess komuni tagħna. Ittieħdu passi biex is-Semestru Ewropew jiġi ssimplifikat u msaħħaħ: jiffoka aktar fuq il-prijoritajiet, inqas dokumenti u aktar ħin biex jiġu diskussi, impenn akbar fil-livell politiku u mal-awtoritajiet nazzjonali. Dawn il-passi jridu jkomplu jiġu segwiti aktar sabiex:

- Jagħtu lill-Istati Membri rakkomandazzjonijiet ċari li jkomplu jiffukaw fuq ir-riformi ta' prijorità li huma essenzjali biex jikber il-potenzjal tat-tkabbir, jiġi sostnut il-ħolqien tal-impjiegi u jiġu sfruttati l-opportunitajiet li joffri s-Suq Uniku. Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi għandhom bżonn ikunu konkreti u ambizjużi, speċjalment fejn jidħol l-eżitu mistenni tagħhom u l-qafas taż-żmien biex jitlestew. Fl-istess ħin għandhom jibqgħu 'politiċi' jiġifieri l-Istati Membri għandhom ikollhom grad ta' libertà dwar il-miżuri preċiżi li jiġu implimentati. Il-programmi ta' riforma nazzjonali li l-Istati Membri jħejju kull sena għandhom iservuhom ta' bażi biex jiddiskutu dwar l-intezzjonijiet ta' riforma tagħhom.
- L-Istati Membri jinżammu responsabbli għat-twettiq tal-impenji tagħhom. Rappurtar perjodiku dwar l-implimentazzjoni, rieżamijiet bejn il-pari perjodiċi jew approċċ "ikkonforma jew spjega" għandhom jintużaw aktar sistematikament. Il-Grupp tal-Euro, mill-Ewwel Stadju, jista' diġà jaqdi rwol ta' koordinazzjoni fl-eżaminazzjoni inkroċata tal-prestazzjoni, b'fokus akbar fuq il-parametri referenzjarji u l-użu tal-aħjar prassi. Dan irid isir flimkien mal-użu tal-potenzjal kollu tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (PŻM).
- Jintegra aħjar iż-żona tal-euro u d-dimensjoni nazzjonali. Għal dan il-għan is-Semestru Ewropew għandu jkun strutturat f'żewġ stadji suċċessivi - stadju Ewropew u stadju nazzjonali. Dan ifisser li l-ewwel għandhom isiru d-diskussjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet dwar iż-żona tal-euro kollha, qabel id-diskussjonijiet speċifiċi għall-pajjiż ħalli b'hekk l-isfidi komuni jkunu riflessi għal kollox fl-azzjoni speċifika għall-pajjiż. L-Anness 2 jispjega din il-proposta.
- Tiġi stabbilita viżjoni fit-tul ċara: mhux kollox jista' jew għandu jseħħ f'sena waħda. Iċ-ċiklu annwali tas-Semestru Ewropew għandu jimxi flimkien ma' approċċ multiannwali aktar b'saħħtu f'konformità mal-proċess ta' konverġenza mġedded.

## 2.2. Formalizzazzjoni tal-proċess ta' konverġenza

Fuq terminu medju (it-Tieni Stadju), il-proċess ta' konverġenza lejn strutturi ekonomiċi aktar reżiljenti, kif deskritti hawn fuq, għandu jsiru aktar vinkolanti. Dan jinkiseb billi jiġi miftiehem sett ta' standards ta' livell għoli komuni li jkun definit fil-leġiżlazzjoni tal-UE, peress li s-sovranità fuq il-politiki ta' interess komuni tkun kondiviża u deċiżjonijiet kbar jibdew jittieħdu fil-livell taż-żona tal-euro. F'xi oqsma dan se jkun jinvolvi aktar armonizzazzjoni. F'oqsma oħra, fejn politiki differenti jistgħu jwasslu għal prestazzjoni tal-istess livell, dan ikun ifisser li jinstabu soluzzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. L-istandards komuni għandhom jiffukaw fuq is-swieq tax-xogħol, il-kompetittività, l-ambjent kummerċjali u l-amministrazzjonijiet pubbliċi kif ukoll ċerti aspetti tal-politika tat-taxxa (pereż. il-bażi tat-taxxa tal-kumpaniji). Il-progress lejn dawn l-istandards jiġi mmonitorjat regolarment. Ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi jkomplu jintużaw f'dan il-kuntest. Barra minn hekk, il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (PŻM) tista' tintuża bħala għodda mhux biss biex tipprevjeni u tikkoreġi l-iżbilanċi iżda wkoll biex trawwem ir-riformi u timmonitorja l-progress f'kull Stat Membru taż-żona tal-euro lejn dawn l-istandards komuni. Konverġenza sinifikanti u sostennibbli lejn ekonomiji reżiljenti l-istess għandha tkun kundizzjoni għall-aċċess ta' mekkaniżmu tal-assorbiment tax-xokkijiet li se jitwaqqaf għaż-żona tal-euro, kif deskritt fil-qosor fis-subtaqsima 4.2.

Id-definizzjoni ta' standards u indikaturi speċifiċi teħtieġ analiżi aktar profonda. Mandankollu, pereżempju, l-istandards għas-swieq tax-xogħol jistgħu jikkombinaw is-sigurtà u l-flessibbiltà u jistgħu jiġu żviluppati flimkien mal-pilastri varji tal-kunċett tal-"flessigurtà" (pereż. kuntratti tax-xogħol flessibbli u affidabbli li jevitaw suq tax-xogħol b'żewġ faxxi, strateġiji komprenżivi għat-tagħlim tul il-ħajja, politiki effikaċi biex jgħinu lil min qiegħed jerġa' jidħol fis-suq tax-xogħol, sistemi tas-sigurtà soċjali moderni u tassazzjoni tax-xogħol abilitanti).

# 3 Lejn Unjoni Finanzjarja – Finanzi Integrati għal Ekonomija Integrata



© Kummissjoni Ewropea

Il-progress lejn Unjoni Ekonomika aktar b'saħħitha jkun pass kbir biex jitjieb il-funzjonament tal-UEM. Fl-istess ħin dan irid isir flimkien ma' Unjoni Finanzjarja sħiħa. Fil-fatt l-Unjoni Ekonomika u Finanzjarji huma komplimentari u jsaħħu lil xulxin. Il-progress fuq dawn iż-żewġ fronti jrid ikun prijorità assoluta tal-Ewwel Stadju tal-Pjan Direzzjonali lejn UEM ġenwina.

F'Unjoni Monetarja, is-sistema finanzjarja trid tkun tassew unika jew inkella l-impulsi mid-deċiżjonijiet tal-politika monetarja (jiġifieri t-tibdiliet fir-rati ta' interess tal-politika) ma jiġux trasmessi uniformalment mal-Istati Membri kollha tagħha. Dan huwa dak li ġara matul il-kriżi, li mbagħad aggrava d-diverġenza ekonomika. Ukoll, sistema bankarja unika hija r-rifless perfett ta' flus uniċi. Peress li l-maġġoranza l-kbira tal-flus hija depożiti fil-banek, il-flus jistgħu jkunu verament uniċi jekk il-kunfidenza fis-sikurezza tad-depożiti bankarji tkun l-istess irrispettivament mill-Istati Membri fejn jopera l-bank. Dan jirrikjedi superviżjoni bankarja waħda, resoluzzjoni bankarja waħda u assigurazzjoni tad-depożiti unika. Dan huwa wkoll kruċjali biex jiġu indirizzati ċ-ċrieki vizzjużi negattivi bejn il-banek u s-sovrani li kienu l-kawża tal-kriżi.

Fl-istess waqt, is-sistema finanzjarja trid tkun tista' tiddiversifika r-riskji mal-pajjiżi kollha, ħalli tkun tista' timmodera l-impatt ta' xokkijiet speċifiċi għal xi pajjiż u tnaqqas l-ammont ta' riskju li jkollu jiġi kondiviż permezz ta' mezzi fiskali.

Dawn ir-raġunijiet kollha jiġġustifikaw il-ħtieġa urġenti għal Unjoni Finanzjarja. Il-mira għas-superviżjoni bankarja kważi lħaqniha għal kollox permezz tat-twaqqif tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku. Il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku wkoll ġie miftiehem iżda għadu mhuwiex implimentat għal kollox. Biex titlesta l-Unjoni Finanzjarja jeħtiġilna nniedu skema tal-assigurazzjoni tad-depożiti komuni u Unjoni tas-Swieq Kapitali. Minħabba l-urġenza tagħhom, dawn il-miżuri għandhom jiġu implimentati kollha fl-Ewwel Stadju.

## 3.1. It-Tlestija tal-Unjoni Bankarja

It-Tlestija tal-Unjoni Bankarja teħtieġ l-ewwel u qabel kollox it-traspożizzjoni sħiħa fil-liġi nazzjonali tad-Direttiva tar-Riżoluzzjoni u l-Irkupru tal-Banek. Dan huwa kruċjali biex ir-riskji jiġu kondiviżi mas-settur privat. Filfatt l-Unjoni Bankarja hija mod kif il-kontribwenti jiġu protetti aħjar min-nefqa tas-salvataġġi tal-banek.

It-tieni, neħtieġu ftehim malajr dwar mekkaniżmu adegwat għall-finanzjament tranżitorju - mod kif jiġi żgurat li hemm biżżejjed flus jekk bank jeħtieġ jgħaddi minn stralċ anki jekk il-finanzjament fil-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni ma jkunx biżżejjed f'dak il-mument - għall-Fond sakemm jiġi operattiv fl-1 ta' Jannar 2016.[2]

It-tielet, it-twaqqif ta' garanzija kredibbli ta' kontinġenza komuni għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni u l-progress lejn kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-banek fl-Istati Membri kollha, għandhom ikunu prijorità waqt il-perjodu ta' tranżizzjoni għall-ħolqien tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni. Għaldaqstant għandha tiġi implimentata malajr garanzija ta' kontinġenza. Dan jista' jseħħ permezz ta' linja ta' kreditu mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni. Din il-garanzija ta' kontinġenza għandha tkun fiskalment newtrali fuq terminu medju billi jiġi żgurat li l-assistenza pubblika tiġi rkuprata permezz ta' imposti *ex post* fuq l-industrija finanzjarja.

Fil-punt li jmiss, nipproponu li nniedu Skema Ewropea ta' Garanzija tad-Depożiti (EDIS) – it-tielet pilastru ta' Unjoni Bankarja komprensiva, flimkien mas-superviżjoni u r-riżoluzzjoni bankarja. Billi l-konfigurazzjoni attwali tal-iskemi nazzjonali tal-garanzija tad-depożiti għadha vulnerabbli għal xokkijiet kbar lokali (b'mod partikolari meta s-settur bankarju nazzjonali u s-sovrani jiġu meqjusin li jinsabu f'sitwazzjoni fraġli) assigurazzjoni tad-depożiti komuni żżid ir-reżiljenza kontra l-kriżijiet fil-futur. Skema komuni probabbilment tkun wkoll aktar fiskalment newtrali tul iż-żmien milli l-iskemi ta' garanzija tad-depożiti nazzjonali għaliex ir-riskji jinfirxu aktar u għaliex il-kontribuzzjonijiet privati jinġabru minn għadd akbar ta' istituzzjonijiet finanzjarji. It-twaqqif ta' EDIS żviluppata bis-sħiħ se jieħu ż-żmien, iżda t-teħid ta' passi konkreti f'din id-direzzjoni għandu diġà jkun prijorità fl-Ewwel Stadju bl-użu tal-possibilitajiet tal-qafas legali attwali. Għażla posibbli tkun li l-EDIS titfassal bħala sistema ta' riassigurazzjoni f'livell Ewropew għall-iskemi ta' garanzija tad-depożiti nazzjonali. L-istess bħall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni, l-EDIS komuni tkun iffinanzjata privatament permezz ta' tariffi *ex-ante* bbażati fuq ir-riskji mħallsa mill-banek parteċipanti kollha fl-Istati Membri u mfassla b'tali mod li tipprevjeni l-periklu morali. L-għan tagħha għandu jaqbel ma' dak tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku. Meta jasal il-waqt, l-effettività tal-istrument ta' rikapitalizzazzjoni diretta tal-bank tal-MES għandha tiġi rieżaminata, speċjalment minħabba l-kriterji ta' eliġibbiltà restrittivi attwalment marbutin miegħu, filwaqt li jiġu rrispettati r-regoli tar-rikapitalizzazzjoni interna miftiehma. Mekkaniżmu illi jkollu aċċess aktar faċli għar-rikapitalizzazzjoni diretta tal-banek iżid il-kunfidenza tad-depożitur billi jżomm lis-sovrani distakkati fil-governanza tal-banek ristrutturati, u tkisser ir-rabta bejn il-banek u s-sovrani fuq livell nazzjonali.

Il-banek kollha li jippateċipaw fl-Unjoni Bankarja jridu jgawdu minn kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Dan jitlob aktar miżuri, apparti u lil hinn

[2] Dan ikompli fuq id-dikjarazzjoni tal-Kunsill ECOFIN tat-18 ta' Diċembru 2013.

mill-ġabra unika tar-regoli, sabiex jiġi indirizzat dak li għadu marġni sinifikanti ta' diskrezzjoni fuq livell nazzjonali, li għad għandu implikazzjonijiet importanti, b'mod partikolari għall-kwalità u l-kompożizzjoni tal-kapital tal-banek. Parti kbira tad-diskrepanzi tista' tiġi indirizzata fil-kuntest tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku. Iżda għal kwistjonijiet oħrajn huma meħtieġa tibdiliet leġiżlattivi, b'mod partikolari għal dawk li għandhom x'jaqsmu ma' oqfsa legali u istituzzjonali differenti. Bl-istess mod, ir-reviżjoni reċenti tad-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti wasslet għal aktar armonizzazzjoni, b'mod speċjali dwar il-prefinanzjament tal-iskemi nazzjonali, madankollu għad fiha ftit diskrezzjoni nazzjonali, li għandha tiġi rieżaminata.

Fl-istess waqt, l-UE trid tkompli toqgħod attenta għal riskji ġodda potenzjali li qed jiżviluppaw fis-settur bankarju, inklużi riskji relatati mas-settur tas-sistema bankarja "parallela". Strutturi eżistenti jridu jkunu kapaċi jindividwaw ir-riskji għas-settur finanzjarju kollu kemm hu.

Għal dan l-għan, għandna nikkunsidraw li nsaħħu l-istituzzjonijiet makropridenzjali, nibnu fuq ir-rwol u s-setgħat tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS), filwaqt li nimmassimizzaw is-sinerġiji tiegħu mal-BĊE. Fl-aħħar nett, fuq terminu medju, jista' jagħmel sens li t-trattament tal-iskoperturi tal-bank għad-dejn sovran jiġi rieżaminat, pereżempju billi jiġu stipulati limiti ta' skoperturi kbar. Dan jista' jkompli jneħħi r-rabta tal-istabbiltà finanzjarja minn mal-finanzi pubbliċi nazzjonali. Madankollu, tibdiliet daqshekk estensivi fil-qafas attwali għandhom jitqiesu biss bħala parti minn sforz ikkoordinat fuq livell globali.

## 3.2. It-tnedija ta' Unjoni tas-Swieq tal-Kapital

Flimkien mal-Unjoni Bankarja, it-tnedija tal-Unjoni tas-Swieq tal-Kapital hija prijorità[3]. Dan japplika għat-28 Stat Membru tal-UE, iżda huwa partikolament rilevanti għaż-żona tal-euro. Se jiżgura sorsi aktar diversifikati ta' finanzjament sabiex il-kumpaniji, inklużi l-SMEs, jistgħu jisfruttaw is-swieq tal-kapital u jkollhom aċċess għal sorsi oħra ta' finanzjament mhux bankarju apparti l-kreditu mill-banek. Fl-istess waqt, Unjoni tas-Swieq tal-Kapital li tiffunzjona ssaħaħ il-kondiviżjoni tar-riskji transfruntiera permezz ta' integrazzjoni aktar profonda tas-swieq tal-bonds u tal-ekwitajiet, fejn tal-aħħar huma assorbituri ewlenin tax-xokkijiet. Swieq tal-kapital verament integrati jipprovdu ukoll ilqugħ kontra ix-xokkijiet sistemiċi fis-settur finanzjarju u jsaħħu l-kondiviżjoni tar-riskji mas-settur privat il-pajjiżi kollha[4]. Dan imbagħad inaqqas l-ammont ta' kondiviżjoni tar-riskji li jrid jintlaħaq permezz ta' mezzi finanzjarji (il-kondiviżjoni pubblika tar-riskji). Madankollu, billi l-integrazzjoni aktar mill-qrib tas-swieq tal-kapital u t-tneħħija gradwali tal-ostakli nazzjonali li jifdal jistgħu joħolqu riskji ġodda għall-istabbiltà finanzjarja, ikun hemm bżonn li l-għodda disponbibbli titwessa' u tissaħħaħ sabiex jiġu ġestiti bi prudenza r-riskji sistemiċi tal-protagonisti finanzjarji (l-għodda makroprudenzjali), u sabiex jissaħħaħ il-qafas superviżorju sabiex jiġi żgurat li l-atturi finanzjarji kollha jkollhom saqajhom fis-sod. Dan għandu jwassal fl-aħħar mill-aħħar għal superviżur wieħed għas-swieq Ewropej tal-kapital.

F'dan il-kuntest, huwa importanti li r-regolamenti joħolqu inċentivi għall-ippuljar tar-riskji u għall-kondiviżjoni tar-riskji u jiżguraw li l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha jkollhom fis-seħħ biżżejjed strutturi għall-ġestjoni tar-riskji u jibqgħu prudenzjalment sodi. It-tassazzjoni tista' tilgħab ukoll rwol importanti billi tipprovdi trattament newtrali għal attivitajiet u investimenti differenti imma komparabbli fost il-ġurisdizzjonijiet. Unjoni tas-Swieq tal-Kapital vera teħtieġ ukoll xi titjib ieħor, li xi ftit minnu jista' jsir biss permezz tal-leġiżlazzjoni, bħal ma hija: is-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti ta' prospett; suq tal-UE mogħti l-ħajja mill-ġdid għat-titolizzazzjonijiet ta' kwalità għolja; aktar armonizzazzjoni tal-prattiki tal-kontabilità u tal-awditjar kif ukoll jiġu indirizzati l-konġestjonijiet l-aktar importanti li jimpedixxu l-integrazzjoni tas-swieq tal-kapital f'oqsma bħal tal-liġi tal-insolvenza, tad-dritt soċjetarju, tad-dritt tal-proprjetà u f'dak li għandu x'jaqsam mal-infurzar legali tal-pretensjonijiet transfruntiera.

3 Ara il-*Green Paper* **"Nibnu Unjoni tas-Swieq tal-Kapital"**; Il-Kummissjoni Ewropea, it-18 ta' Frar 2015.

4 Żieda fil-flussi ta' investiment transfruntieri għandhom fil-prinċipju jwasslu għal aktar kondiviżjoni tar-riskji mas-settur privat. Dan għal żewġ raġunijiet: 1) il-pussess ta' portafoll ta' assi finanzjarji li ġeografikament ikun aktar diversikat, inklużi bonds u ekwitajiet maħruġin minn kumpaniji, ikun irendi redditu li huwa anqas volatili u anqas korrelatat mad-dħul domestiku (il-kanal tas-suq tal-kapital għall-kondiviżjoni tar-riskji); 2) meta pajjiż jintlaqat minn xokk ekonomiku, flussi transfruntieri għandhom jippermettu lir-residenti biex isellfu jew jisselfu, sabiex jagħmlu tajjeb għax-xokk (il-kanal tas-suq tal-kreditu għall-kondiviżjoni tar-riskji)..

# 4 Lejn Unjoni Fiskali – qafas Integrat għal Politiki Fiskali Sodi u Integrati



© Kummissjoni Ewropea

Waħda mil-lezzjonijiet ewlenin tal-kriżi kienet li l-politiki fiskali huma kwistjoni ta' interess vitali komuni f'Unjoni Monetarja. Anke Unjoni Ekonomika u Finanzjarja b'saħħitha u politika monetarja komuni orjentata lejn l-istabbiltà tal-prezzijiet, mhumiex garanzija li l-UEM se tiffunzjona dejjem kif suppost. Politiki fiskali mhux sostenibbli mhux biss jipperikolaw l-istabbiltà tal-prezzijiet fl-Unjoni, jagħmlu ħsara wkoll lill-istabbiltà finanzjarja billi joħolqu konaġju bejn l-Istati Membri u frammentazzjoni finanzjarja.

Għaldaqstant huma essenzjali politiki fiskali nazzjonali responsabbli. Dawn iridu jaqdu żewġ funzjonijiet: jiggarantixxu li d-dejn pubbliku huwa sostenibbli u jiżguraw li l-istabbilizzaturi fiskali awtomatiċi jistgħu jaħdmu biex itaffu x-xokkijiet ekonomiċi speċifiċi għall-pajjiż. Jekk dan ma jkunx il-każ, it-tnaqqis fir-ritmu probabbilment idum aktar f'pajjiżi individwali, u mbagħad dawn jaffettwaw iż-żona tal-euro kollha. Iżda dan mhux biżżejjed. Huwa importanti li jiġi żgurat ukoll li t-total tal-bilanċi baġitarji nazzjonali jwasslu għal pożizzjoni fiskali[5] adegwata fil-livell taż-żona tal-euro kollha kemm hi. Dan huwa importanti sabiex il-politiki fiskali proċikliċi jiġu dejjem evitati.

Fl-aħħar nett, fil-każ ta' kriżi gravi, il-baġits nazzjonali jistgħu ma jlaħħqux, kif kien il-każ ta' xi pajjiżi f'dawn l-aħħar snin. F'dawn is-sitwazzjonijiet, l-istabbilizzaturi fiskali nazzjonali jistgħu ma jkunux bizzejjed sabiex jassorbu x-xokk u jipprovdu livell ottimali għal stabbilizzazzjoni ekonomika, u dan jista' jagħmel ħsara liż-żona tal-euro kollha. Għal din ir-raġuni, ikun importanti li tinħoloq fuq terminu itwal il-funzjoni ta' stabbilizzazzjoni fiskali għaż-żona tal-euro kollha. Pass bħal dan għandu jkun l-aħħar pass fil-proċess li jeħtieġ, bħala prekundizzjoni, livell sinifikanti ta' konverġenza ekonomika, integrazzjoni finanzjarja u aktar koordinazzjoni u l-ippuljar tat-teħid ta' deċiżjonijiet fuq il-baġits nazzjonali, b'tisħiħ proporzjonat tar-responsabbilizzazzjoni demokratika. Dan huwa importanti sabiex jiġi evitat il-periklu morali u tiġi żgurata d-dixxiplina fiskali konġunta.

Fl-istess waqt, irridu nsaħħu l-fiduċja fil-qafas komuni tal-governanza fiskali tal-UE. L-implimentazzjoni kontinwa, dettaljata, konsistenti u trasparenti tal-qafas fiskali attwali tagħna hija għaldaqstant essenzjali sabiex titħejja t-triq għal aktar passi 'l quddiem.

## 4.1. Politiki baġitarji responsabbli huma s-sinsla tal-UEM

Fis-snin reċenti, l-hekk imsejħin "Six-Pack", "Two-Pack" u t-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza ġabu titjib sinifikanti fil-qafas tal-politiki fiskali tal-UEM. Dawn f'daqqa jmexxu l-isforzi tagħna biex nevitaw l-iżbilanċi baġitarji, biex niffukaw fuq l-iżviluppi tad-dejn u fuq mekkaniżmi ta' infurzar aħjar, kif ukoll fuq sjieda nazzjonali tar-regoli tal-UE. Dan il-qafas ġdid ta' governanza diġà jipprovdi ħafna koordinazzjoni *ex ante* fil-baġits annwali tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u ssaħħaħ is-sorveljanza fuq dawk li jkunu għaddejjin minn diffikultajiet finanzjarji. Kull Stat Membru jrid iżomm mar-regoli, inkella il-kredibilità ta' dan il-qafas tkun qiegħda f'riskju. Huwa minnu li r-regoli huma kumplessi, iżda r-rieżami li ġej tas-"Six-Pack" u tat-"Two-Pack" għandu jkun opportunità sabiex iċ-ċarezza, it-trasparenza, il-konformità u l-leġittimità jitjiebu, filwaqt li tinżamm in-natura tagħhom li hija orjentata lejn l-istabbiltà.

Fi żmien qasir (l-Ewwel Stadju), il-qafas ta' governanza attwali għandu jissaħħaħ bil-ħolqien ta' Bord Fiskali Ewropew konsultattiv. Din l-entità konsultattiva ġdida se tikkoordina u tikkumplimenta l-kunsilli fiskali nazzjonali li twaqqfu fil-kuntest tad-Direttiva tal-UE dwar l-oqfsa baġitarji. Din se tagħti valutazzjoni pubblika u indipendenti fil-livell Ewropew, tal-prestazzjoni tal-baġits - u l-implimentazzjoni tagħhom - meta mqabblin mal-objettivi u r-rakkomandazzjonijiet ekonomiċi stipulati fil-qafas ta' governanza fiskali tal-UE. Il-kompożizzjoni tal-Bord għandha tkun pluralistika u magħmula minn firxa wiesgħa ta' għarfien espert. Il-mandat ta' dan il-Bord Fiskali Ewropew ġdid għandu jkun ibbażat fuq għadd ta' prinċipji gwida kif stipulat fl-Anness 3.

Dan il-Bord Fiskali Ewropew għandu jwassal għal konformità aħjar mar-regoli fiskali komuni, għal dibattitu pubbliku aktar infurmat u għal koordinazzjoni aktar b'saħħitha fil-politiki fiskali nazzjonali.

[5] Il-kunċett ta' pożizzjoni fiskali jirrifletti tibdiliet fil-bilanċ fiskali sabiex jiġu influwenzati id-domanda u l-produzzjoni aggregati tal-ekonomija. Skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, il-pożizzjoni fiskali titkejjel abbażi tal-bilanċ fiskali strutturali, jiġifieri l-bilanċ fiskali korrett għall-effetti taċ-ċiklu ekonomiku u mingħajr miżuri ta' darba u oħrajn temporanji. B'mod ġenerali, deficit fiskali (surplus) juri pożizzjoni fiskali espansjonarja (ta' kontrazzjoni).

## 4.2. Il-funzjoni ta' stabbilizzazzjoni fiskali għaż-żona tal-euro

Hemm bosta modi kif unjoni monetarja tista' tipprogredixxi lejn Unjoni Fiskali. Madankollu, filwaqt li l-livell ta' kemm l-unjonijiet monetarji għandhom strumenti baġitarji komuni huwa differenti, l-Unjonijiet Monetarji maturi kollha għandhom fis-seħħ funzjoni ta' stabbilizzazzjoni makroekonomika komuni sabiex jiġu indirizzati aħjar ix-xokkijiet li ma jistgħux jiġu ġestiti fuq livell nazzjonali biss.

Dan ikun żvilupp naturali għaż-żona tal-euro fuq terminu twil (it-Tieni Stadju) u bil-kundizzjonijiet spjegati hawn fuq, jiġifieri bħala l-aħħar pass fil-proċess ta' konverġenza u ta' aktar ippuljar fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-baġits nazzjonali. L-għan tal-istabbilizzazzjoni awtomatika fil-livell taż-żona tal-euro ma jkunx li jiġi rfinat b'mod attiv iċ-ċiklu ekonomiku fil-livell taż-żona tal-euro. Minflok, għandha ttaffi b'mod aħjar ix-xokkijiet makroekonomiċi kbar u b'hekk trendi lill-UEM kumplessivament aktar reżiljenti. It-tfassil eżatt ta' dawn l-istabbilizzaturi taż-żona tal-euro jeħtieġu aktar xogħol profond. Dan għandu jkun il-kompitu tal-grupp tal-esperti propost.

### L-għażliet u l-prinċipji gwida għall-funzjoni tal-istabbilizzazzjoni fiskali għaż-żona tal-euro

Il-funzjoni ta' stabbilizzazzjoni prospettiva tista' pereżempju bħala l-ewwel pass tibni fuq Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi, billi tidentifika għadd ta' sorsi finanzjarji u proġetti ta' investiment speċifiċi għaż-żona tal-euro, sabiex jiġu sfruttati skont iċ-ċiklu tan-negozju. Għandhom jitqiesu diversi sorsi addizzjonali ta' finanzjament. Ikun importanti li jiġi żgurat li t-tfassil ta' din il-funzjoni ta' stabbilizzazzjoni jkun abbażi tal-prinċipji gwida li ġejjin:

- Ma għandhiex twassal għal trasferimenti permanenti bejn il-pajjiżi, jew għal trasferimenti f'direzzjoini waħda biss, u għal din ir-raġuni il-konverġenza lejn Unjoni Ekonomika hija prekundizzjoni għall-parteċipazzjoni. Ma għandhiex tkun maħsuba bħala mod sabiex id-dħul tal-Istati Membri jiġi ugwalizzat.
- Ma għandha lanqas timmina l-inċentivi għat-tfassil ta' politika fiskali soda f'livell nazzjonali, lanqas l-inċentivi sabiex jiġu indirizzati d-dgħufijiet strutturali nazzjonali. Għal dan l-għan, u sabiex jiġi evitat il-periklu morali, għandha tkun marbuta sew mal-konformità mal-qafas wiesa' ta' governanza tal-UE u mat-twettiq ta' progress fil-konverġenza lejn l-istandards komuni deskritti fit-Tieni Taqsima.
- Għandha tkun żviluppata fil-qafas tal-Unjoni Ewropea. Dan jiggarantixxi li tkun konsistenti mal-qafas fiskali tal-UE eżistenti u mal-proċeduri għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi. Għandu jkun miftuħ u trasparenti vis-à-vis l-Istati Membri kollha tal-UE.
- Ma għandhiex tkun strument għall-ġestjoni tal-kriżijiet. Il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) diġà jwettaq din il-funzjoni. Minflok, ir-rwol tagħha għandu jkun biex ittejjeb ir-reżiljenza ekonomika kumplessiva tal-UEM u tal-pajjiżi individwali fiż-żona tal-euro. Għaldaqstant tgħin biex jiġu evitati l-kriżijiet, u effettivament l-interventi futuri mill-MES ma jibqgħux daqshekk probabbli.

# 5 Ir-Responsabbilizzazzjoni Demokratika, il-Leġittimità u t-Tisħiħ Istituzzjonali




© Kummissjoni Ewropea

Aktar responsabbiltà u integrazzjoni fil-livell ta' UE u taż-żona tal-euro għandhom imorru id f'id ma' responsabbilizzazzjoni demokratika, leġittimità u tisħiħ istituzzjonali akbar. Dan huwa kemm kundizzjoni għas-suċċess kif ukoll konsegwenza naturali ta' aktar interdipendenza fl-UEM. Ifisser ukoll il-kondiviżjoni aħjar tas-setgħat ġodda u aktar trasparenza dwar min jiddeċiedi xiex u meta. Fl-aħħar mill-aħħar dan jeħtieġ u jfisser aktar djalogu, aktar fiduċja reċiproka u kapaċità aktar b'saħħitha għall-azzjoni kollettiva.

Fl-eqqel tal-kriżi, deċiżjonijiet b'implikazzjonijiet estensivi kellhom jittieħdu ħafna drabi malajr, ġieli anke mil-lum għal għada. F'diversi każijiet, intagħżlu soluzzjonijiet intergovernattivi sabiex jitħaffu d-deċiżjonijiet jew sabiex tingħeleb l-oppożizzjoni. Issa huwa l-mument sabiex nirrieżaminaw u nikkonsolidaw l-istruttura polika - u sabiex nibnu l-istadju li jmiss tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja tagħna.

Għadd ta' passi konkreti lejn aktar responsabbiltà u parteċipazzjoni għandhom jittieħdu fi żmien qasir (l-Ewwel Stadju):

## Ir-rwol prinċipali tal-Parlament Ewropew u tal-Parlamenti nazzjonali

Il-Parlament Ewropew ħa l-ewwel passi prattiċi sabiex isaħħaħ is-sorveljanza parlamentari bħala parti mis-Semestru Ewropew. F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tas-"Six-Pack" u tat-"Two-Pack" saru "djalogi dwar l-ekonomija" bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Grupp tal-Euro. Dawn kienu diġà parti miċ-ċiklu tal-aħħar Semestru Ewropew. Dawn id-djalogi jistgħu jissaħħu billi jkun hemm qbil dwar perjodi ta' ħin speċifiċi waqt l-istadji ewlenin taċ-ċiklu tas-Semestru. Ġiet stabbilita forma ġdida ta' kooperazzjoni interparlamentari sabiex tqarreb lill-atturi Ewropej u nazzjonali. Din isseħħ fil-Ġimgħa Parlamentari Eworpea organizzata mill-Parlament Ewropew f'kooperazzjoni mal-Parlamenti nazzjonali, u tkun tinkludi rappreżentanti mill-Parlamenti nazzjonali għal dikussjonijiet profondi dwar il-prijoritajiet tal-politiki. It-"Two Pack" stabbilixxa d-dritt li Parlament nazzjonali jsejjaħ Kummissarju biex jippreżenta l-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-abbozz tal-pjan baġitarju jew dwar ir-rakkomandazzjoni tagħha lil Stat Membru fi Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv - dritt li għandu jiġi eżerċitat b'mod aktar sistematiku milli qed jintuża fil-preżent.

Nistgħu nkomplu nsaħħu t-twaqqit u l-valur miżjud ta' dawn il-waqtiet parlamentari f'konformità mas-Semestru Ewropew imġedded kif stipulat fl-Anness 2. B'mod partikolari, il-Kummissjoni Ewropea tista' timpenja ruħha mal-Parlament Ewropew waqt dibattitu plenarju qabel ma jiġi ppreżentat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, u tkompli id-dibattitu wara l-adozzjoni tiegħu. Barra minn hekk, jista' jsir it-tieni dibattitu speċifiku fil-plenarja mal-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tar-Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-Pajjiżi skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tas-"Six-Pack" dwar id-djalogu ekonomiku. Fl-istess waqt, ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni u tal-Kunsill jistgħu jipparteċipaw f'laqgħat interparlamentari b'mod partikolari fil-kuntest tal-Ġimgħa Parlamentari Ewropea. Din il-prassi ġdida jista' jintlaħaq ftiehem dwarha b'mod progressiv u f'aktar detall bejn l-istituzzjonijiet tal-UE (il-Kummissjoni, il-Kunsill tal-Ecofin, il-Grupp tal-Euro u l-Parlament Ewropew) b'rispett sħiħ tar-rwol istituzzjonali rispettiv tagħhom, f'forma ta' ftehim interistituzzjonali mhux vinkolanti.

Il-Kummissjoni Ewropea għandha toħloq arranġamenti li jservu bħala mudell sabiex l-interazzjoni mal-Parlamenti nazzjonali tkun aktar effiċjenti. Din l-interazzjoni għandha tapplika għad-dibattiti parlamentari nazzjonali kemm għar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi indirizzati lill-Istat Membru kif ukoll għall-proċedura tal-baġit annwali. Dan jagħti aktar ħajja għad-dritt rikonoxxut fit-"Two-Pack" li jissejjaħ Kummissarju. Bħala regola, il-Parlamenti nazzjonali għandhom ikunu involuti mill-qrib fl-adozzjoni tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma u Stabbiltà.

Il-Parlament Ewropew għandu jorganizza ruħu sabiex jieħu r-rwol tiegħu fil-kwistjonijiet li jappartjenu b'mod speċjali għaż-żona tal-euro.

## Il-konsolidazzjoni tar-rappreżentazzjoni esterna tal-euro

Hekk kif l-UEM tevolvi lejn Unjoni Ekonomika, Finanzjarja u Fiskali, ir-rappreżentazzjoni esterna tagħha għandha kull ma jmur tingħaqad iżjed. Din il-proċedura tista' sseħħ gradwalment, iżda għandha tinbeda waqt l-Ewwel Stadju.

L-UE hija l-ikbar blokk kummerċjali u fiha jsir l-akbar negozju ta' prodotti manifatturati u ta' servizzi fid-dinja. Waslet sa hawn għax fuq il-palk globali tkellmet b'vuċi waħda, aktar milli bi 28 strateġija kummerċjali differenti. Id-daqs kbir ekonomiku u finanzjarju u l-eżistenza ta' politika monetarja u rata tal-kambju waħda għall-biċċa l-kbira tal-membri tagħha jagħmel id-deċiżjonijiet dwar il-politika u l-iżviluppi ekonomiċi tal-UE aktar rilevanti għall-ekonomija tad-dinja.

Madankollu, fl-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, l-UE u ż-żona tal-euro għadhom mhumiex irrappreżentati bħala ħaġa waħda. Din il-vuċi frammentata tfisser li l-UE għadha ma laħqitx is-saħħa politika u ekonomika tagħha billi kull Stat Membru taż-żona tal-euro jitkellem individwalment. Dan huwa veru b'mod partikolari fil-każ tal-FMI, minkejja l-isforzi magħmula sabiex jiġu kkoordinati l-pożizzjonijiet Ewropej.

## L-integrazzjoni tas-soluzzjonijiet intergovernattivi fil-qafas legali tal-UE

Waqt il-kriżi saru diversi arranġamenti intergovernattivi. Dan kien minħabba nuqqasijiet fl-arkitettrua tal-UEM, iżda fl-aħħar mill-aħħar hemm bżonn li jiġu integrati fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea. Dan diġà huwa previst għat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza u għandu jseħħ għall-każijiet oħra bħal ma huma il-Patt Euro Plus u l-ftehim intergovernattiv dwar il-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni.

Fl-aħħar nett, il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà stabbilixxa lilu nnifsu bħala strument ċentrali għall-ġestjoni tal-kriżijiet potenzjali. Madankollu, l-aktar minħabba l-istruttura intergovernattiva tiegħu, il-proċessi tal-governanza u tat-teħid tad-deċiżjonijiet huma kumplessi u twal. Fuq terminu medju (it-Tieni Stadju), il-governanza tagħha għandha għaldaqstant tkun kompletament integrata fit-Trattati tal-UE.

## Tmexxija ċentrali mill-Grupp tal-Euro

Il-Grupp tal-Euro għandu jaqdi rwol ċentrali fid-diskussjoni, fil-promozzjoni u fir-rappreżentazzjoni tal-interessi taż-żona tal-euro. Se jżid l-involviment tiegħu fis-Semestru Ewropew imġedded. Fuq żmien qasir, il-presidenza u l-mezzi għad-dispożizzjoni tiegħu jista' jkollhom bżonn jissaħħu. Fit-tul taż-żmien (it-Tieni Stadju), tista' titqies presidenza full-time għall-Grupp tal-Euro, b'mandat ċar fi ħdan il-qafas ta' dan ir-rapport. Bl-appoġġ tal-istituzzjonijiet tal-UE kollha, jista' jkollu rwol anki akbar meta jirrappreżenta l-interessi tal-munita unika fiż-żona tal-euro u lil hinn minnha.

## Teżorerija għaż-Żona tal-Euro

Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir jibqa' ankra għall-istabbiltà fiskali u għall-kunfidenza rigward ir-regoli fiskali tagħna. Barra minn hekk, Unjoni Fiskali ġenwina tkun teħtieġ teħid ta' deċiżjonijiet konġunti dwar il-politika fiskali. Dan ma jfissirx li l-aspetti kollha tal-politika dwar d-dħul u n-nefqa jiġu ċentralizzati. L-Istati Membri taż-żona tal-euro jibqgħu jiddeċiedu dwar it-tassazzjoni u l-allokazzjoni tal-infiq baġitarju skont il-preferenzi nazzjonali u l-għażliet politiċi. Mandankollu, hekk kif iż-żona tal-euro tevoli, id-deċiżjonijiet se jkollhom dejjem iżjed jittieħdu kollettivament filwaqt li jiġu żgurati r-responsabbilizzazzjoni demokratika u l-leġittimità. Fil-futur tista' titwaqqaf teżorerija għaż-żona tal-euro għal dan it-teħid ta' deċiżjonijiet kollettivi.

# KONKLUŻJONI

Dan ir-rapport ippreżenta l-passi meħtieġa sabiex l-UEM titlesta mhux aktar tard mill-2025. Joffri pjan direzzjonali li huwa ambizzjuż iżda pragmatiku. Xi wħud minn dawn il-passi jistgħu jiġu implimentati u għandhom jiġu implimentati mingħajr dewmien. L-ewwel inizjattivi b'dan il-għan għandhom jitniedu mill-istituzzjonijiet tal-UE mill-1 ta' Lulju 2015. Oħrajn ikollhom bżonn ta' aktar ħin. Iżda fuq kollox, ir-rapport joffri sens ta' direzzjoni ċar għall-UEM tal-Ewropa Dan huwa essenzjali għaċ-ċittadini daqs kemm huwa għall-atturi ekonomiċi, u għall-kunfidenza tagħhom fil-munita unika. Sabiex dawn il-proposti jissarfu f'azzjoni huwa meħtieġ sens ta' skop fost l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE kollha. Il-Kunsill Ewropew huwa mistieden japprova dawn il-proposti fl-ewwel okkażżjoni li jkollu.




© Kummissjoni Ewropea

# Anness 1

## Pjan direzzjonali għal Unjoni Ekonomika u Monetarja Sħiħa

**L-EWWEL STADJU 1 L-1 TA' LULJU 2015 - IT-30 TA' ĠUNJU 2017**

**IL-PASSI IMMEDJATI**

### Unjoni Ekonomika

- **Spinta ġdida lill-konverġenza, lix-xogħol u lit-tkabbir**

- Il-ħolqien ta' sistema taż-żona tal-euro b'Awtoritajiet tal-Kompetittività;
- It-tisħiħ tal-implimentazzjoni ta' Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku;
- Aktar iffukar fuq l-impjiegi u l-prestazzjoni soċjali;
- Aktar koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi f'Semestru Ewropew imġedded.

### Unjoni Fiskali

- **It-tlestija tal-Unjoni Bankarja**

- It-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' finanzjament transitorju għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni(FUR);
- L-implimentazzjoni ta' passi konkreti lejn garanzija ta' kontinġenza komuni għal FUR;
- Ftehim dwar Skema ta' Garanzija tad-Depożiti komuni;
- Titjib fl-effikaċja ta' strument għar-rikapitalizzazzjoni diretta tal-banek fil-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES).

- **It-tnedija ta' Unjoni tas-Swieq tal-Kapital**
- **It-tisħiħ ta' Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku**

### Unjoni Fiskali

- **Bord Fiskali Ewropew konsultattiv ġdid**

- Il-bord se jagħti valutazzjoni pubblika u indipendenti fil-livell Ewropew, tal-prestazzjoni tal-baġits - u l-implimentazzjoni tagħhom - meta mqabblin mal-objettivi u r-rakkomandazzjonijiet ekonomiċi stipulati fil-qafas fiskali tal-UE. Il-pariri tiegħu għandhom jintużaw fid-deċiżjoni li tieħu l-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

### Ir-responsabbilizzazzjoni demokratika, il-leġittimità u t-tisħiħ istituzzjonali

- **It-tiġdid tas-Semestru Ewropew**

- Ir-riorganizzazzjoni tas-Semestru f'żewġ stadji konsekuttivi, bl-ewwel stadju ffukat fuq iż-żona tal-euro kollha kemm hi, qabel id-diskussjoni ta' kwistjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi fit-tieni stadju.

- **It-tisħiħ tal-kontroll parlamentari bħala parti mis-Semestru Ewropew**

- Id-dibattitu plenari fil-Parlament Ewropew rigward l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir kemm qabel kif ukoll wara li jinħareġ mill-Kummissjoni; segwit minn dibattitu plenarju dwar ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi;
- Aktar interazzjonijiet sistemiċi bejn il-Kummissarji u l-Parlamenti nazzjonali kemm dwar ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż kif ukoll dwar il-baġits nazzjonali;
- Aktar konsultazzjoni sistematika u involviment mill-gvernijiet tal-Parlamenti nazzjonali u tas-sħab soċjali qabel is-sottomissjoni annwali tal-Programmi ta' Riforma u Stabbiltà Nazzjonali.

- **Żieda fil-livell ta' kooperazzjoni bejn il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali**
- **It-tisħiħ tat-tmexxija tal-Grupp tal-Euro**
- **It-teħid ta' passi għal rappreżentazzjoni esterna kkonsolidata taż-żona tal-euro**
- **L-integrazzjoni tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fil-qafas tal-liġi tal-UE; il-partijiet rilevanti tal-Patt Euro Plus; u l-Ftehim Intergovernattiv dwar il-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni**

IT-TIENI STADJU 2

## IT-TLESTIJA TAL-ARKITETTURA TAL-UEM

### Unjoni Ekonomika

- Il-proċess ta’ konverġenza jiġi formalizzat u jsir aktar vinkolanti

### Unjoni Fiskali

- It-twaqqif ta’ funzjoni ta’ stabbilizzazzjoni makroekonomika għaż-żona tal-euro

- Il-konverġenza lejn l-istess strutturi ekonomiċi nazzjonali reżiljenti, tkun kundizzjoni għall-aċċess ta’ dan il-mekkaniżmu.

### Ir-responsabbilizzazzjoni demokratika, il-leġittimità u t-tisħiħ istituzzjonali

- L-integrazzjoni tal-Mekkaniżmu Ewropew ta’ Stabbiltà (MES) fil-qafas tal-liġi tal-UE
- It-twaqqif ta’ Teżorerija għaż-żona tal-euro b’responsabbilizzazzjoni fil-livell tal-UE

L-ISTADJU FINALI MHUX AKTAR TARD MILL-2025

# Anness 2

## Semestru Ewropew Aktar Integrat

Sabiex iż-żona tal-euro u l-livelli nazzjonali jkunu integrati aħjar, is-Semestru Ewropew għandu jkun strutturat f'żewġ stadji suċċessivi li jiddistingwu b'mod aktar ċar bejn il-waqt Ewropew u l-waqt nazzjonali (iċ-ċifra ta' hawn taħt turi l-istruttura il-ġdida).

L-ewwel stadju (Novembru tas-sena "n-1" sa Frar tas-sena "n" ikun iffukat fuq il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni fiż-żona tal-euro kollha kemm hi. L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-Kummissjoni (SAT) ikun il-bażi għal din id-diskussjoni u jkun iserraħ fuq għadd ta' rapporti tematiċi, bħalma huma r-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, ir-Rapport annwali tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, ir-Rapport Konġunt Soċjali u dwar l-Impjiegi kif ukoll fuq l-opinjonijiet tal-Bord Fiskali Ewropew ġdid u tal-Awtoritajiet tal-Kompetittività tas-sistema ġdida taż-żona tal-euro. Flimkien dawn ir-rapporti jagħtu stampa sħiħa tal-isfidi taż-żona tal-euro. L-SAT jiġi ppreżentat lil Parlament Ewropew u diskuss minnu. Fl-istess waqt tal-SAT, il-Kummissjoni tippreżenta rakkomandazzjoni speċifika għal azzjoni fiż-żona tal-euro, kif ukoll lista tal-Istati Membri li tikkunsidrahom għal "rieżami fil-fond", skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku. Dawn id-dokumenti jiġu diskussi mal-Parlament Ewropew fil-qafas tad-djalogu ekonomiku, kif previst fil-leġiżlazzjoni tas-"Six-Pack", u b'formazzjonijiet differenti tal-Kunsill u tal-Grupp tal-Euro. Dan ifisser li sal-aħħar ta' Frar ta' kull sena, tkun seħħet diskussjoni ġenwina dwar il-prijoritajiet stabbiliti b'mod partikolari għall-UE u ż-żona tal-euro, għas-sena li tkun għadha ġejja.

L-istadju li jmiss (Marzu sa Lulju tas-sena "n") ikun jiffoka fuq ir-rieżami u l-valutazzjoni tal-prestazzjoni u tal-politiki tal-Istati Membri fid-dawl ta' dawn il-prijoritajiet. Din hija l-fażi meta l-Istati Membri għandhom sistematikament jinvolvu l-Parlamenti Nazzjonali flimkien mas-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili fid-diskussjoni dwar il-prijoritajiet nazzjonali. Dan l-istadju jibda mal-pubblikazzjoni tar-Rapporti dwar il-Pajjiżi tal-Kummissjoni li fil-qosor jiġbor l-isfidi u l-prestazzjoni tal-Istati Membri. Dan l-istadju jintemm bl-adozzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż, li għandhom b'mod ċar jikkunsidraw id-dimensjoni taż-żona tal-euro miftiehma fl-ewwel stadju.

Is-sħab soċjali fil-livell tal-UE jistgħu jiġu involuti kmieni fid-diskussjonijiet, pereżempju permezz ta' Summit Soċjali Tripartitiku mġedded u Djalogu Makroekonomiku, sabiex jikkontribwixxu kemm jistgħu għal dan il-proċess ġdid.

Anness 2

SEMESTRU EWROPEW AKTAR INTEGRAT



# Anness 3

## Prinċipji Gwida – Bord Fiskali Ewropew Konsultattiv

Il-mandat tal-Bord Fiskali Ewropew konsultattiv għandu jkollu dawn il-prinċipji:

- Għandu jikkoordina n-netwerk tal-kunsilli fiskali nazzjonali u jikkonforma mal-istess standard ta' indipendenza.
- Għandu jagħti pariri, mhux jimplimenta politika. L-infurzar tar-regoli għandu jibqa' l-kompitu tal-Kummissjoni Ewropea, li jista' jkollha opinjonijiet differenti minn dawk tal-Bord Fiskali Ewropew, dejjem jekk ikollha raġunijiet li l-Kummisjoni tista' tiġġustifika u tispjega.
- Għandu jagħti ġudizzju ekonomiku aktar milli legali dwar il-pożizzjoni fiskali adegwata, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell taż-żona tal-euro, fil-kuntest tar-regoli fiskali tal-UE. Dan għandu jsir abbażi tar-regoli stabbiliti fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (SGP).
- Għandu jkun f'qagħda li jagħti opinjonijiet meta jikkunsidra li dan huwa meħtieġ, inkluż b'mod partikolari rigward il-valutazzjoni tal-Programmi ta' Stabbiltà u l-preżentazzjoni tal-Abbozz ta' Pjan Baġitarju annwali u l-implimetazzjoni tal-baġits nazzjonali.
- Għandu jagħti evalwazzjoni *ex-post* ta' kif il-qafas ta' governanza ġie implimentat.



© Kummissjoni Ewropea